Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors 278/2013AE

**Joseph Farrugia**

**Vs**

**Direttur Generali, Dwana ta' Malta**

Il-Gimgha, 13 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Marzu 2013, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi huwa s-sid tal-bastiment bl-isem Sea Lioness, MFB1775 – u dan kif jirrizulta mil-licenzja tal-bastiment ts-Sajd, Dok A, licenzja numru G1031MFB1775;*

*2. Illi huwa gie mgharraf nhar il-21 ta' Frar 2013, illi nharget nota ta' qbid fuq il-bastiment tieghu;*

*3. Illi n-nota ta' qbid, Dok B, inharget fuq il-bastiment tieghu Sea Lioness MFB1775 nhar it-18 ta' Frar 2013;*

*4. Illi huwa qieghed jipprevalixxi ruhu mill-procedura ai termini tal-Artikolu 73 et seq tal-Kap 37, kif ukoll Art 28 et seq tal-Kap 382, fejn qieghed jitlob ghar-revoka tal-istess nota ta' qbid, u dan sabiex jigi rilaxxat il-bastiment mizmum permezz tal-istess nota, peress illi ma kien hemm ebda raguni fil-fatt jew fil-ligi ghaliex il-bastiment kellu jigi maqbud;*

*5. Illi l-esponent qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq il-fatt illi huwa qatt ma pprovda jew awtorizza b'xi mod l-uzu tal-bastiment imsemmi ghal xi ghan iehor hlief li ghalih huwa rregistrat, u cioe' ghas-sajd;*

*6. Illi r-raguni ghaliex sari l-qbid u cioe' "fis-17 ta' Frar 2013, il-bastiment fuq imsemmi, intuza bhala mezz ta' garr ta' oggetti suggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa" ma hijiex wahda tenibbli stante illi ma hemm ebda dikjarazzjoni ta' x'inhuma l-oggetti li qieghda ssir riferenza ghalihom kif ukoll ma hemm ebda dikjarazzjoni li dawn l-oggetti ma gewx registrati skont il-ligi, ulterjorment ma hemm ebda dikjarazzjoni jew sentenza li din l-allegazzjoni hija wahda li saret res judicata;*

*7. Illi l-Artiklu 68 tal-Kap 37, li a bazi tieghu harget in-nota ta' qbid, jindika illi wiehed ikun ghamel* ***xjentement*** *uzu minnu fil-garr tal-oggetti suggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa;*

*8. Illi r-rikorrent ghadda l-bastiment lil terzi biex il-bastiment jintuza ghal ghanijiet ta' sajd **biss** u ghal ebda ghan iehor, u ghalhekk qatt ma seta' jkun jaf dwar l-uzu tal-bastiment ulterjuri ghal dak il-ghan li ghalih ghadda l-istess;*

*9. Illi r-rikorrent ghadu m'huwiex mgharraf ufficcjalment bid-dettalji tal-allegat incident imsemmi li sehh nhar is-17 ta' Frar 2013, u ghaldaqstant, ma jistax jaghti spjegazzjonijiet ulterjuri ghall-allegat agir ta' terzi, u m'ghandux isofri minn danni a kawza ta' allegat agir ta' terzi;*

*10. Illi l-agir tat-terzi ghadu ma ghaddiex in gudikat u ghaldaqstant ir-raguni mghotija ghall-hrug tan-nota ta' qbid ghadha m'hijiex ippruvata, u minkejja li l-bazi tal-hrug tan-nota ta' qbid ghadha wahda ta' allegazzjoni u mhux ikkonfermata, id-Dipartiment intimat hareg mandat ezekuttiv minkejja li ma kellux titolu ezekuttiv, u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi;*

*11. Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-Artikolu 28 et seq tal-Kap 382 u tal-Artikolu 73 et seq tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Ghaldaqstant, l-attur jitlob għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. tiddikjara illi l-bastiment mertu ta' din il-kawza inqabad mill-intimati bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi su riferiti;*

*2. konsegwentement tirrevoka n-nota ta' qbid bin-numru 17/2013;*

*3. tordna l-helsien u r-rilaxx tal-istess bastiment a favur tar-rikorrent, u dan skont dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' April 2013, l-intimat wiegeb:-

*1. Illi fir-rigward tal-mertu, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) Illi l-qbid ta' konsenja sostanzjali ta' sigaretti li kienet tinstab fuq il-lancja Sea Lioness (li ma giex kontestat) u l-qbid ta' l-imsemmija lancja li sar permezz tan-Nota ta' Qbid li ggib in-numru ta' referenza 17 tas-sena 2013, sar mill-esponent peress li l-lancja Sea Lioness twaqfet mill-membri tal-Forzi Armati fiz-zona kontigwa ta' Malta[1] f'cirkostanzi suspettuzi ferm. Fil-fatt, l-esponent gie nfurmat li l-imsemmija lancja kienet giet osservata terfa u itella*

[1] Kap 226

*abbord kaxex ta' sigaretti li kienu qed jinxtehtu l-bahar minn bastiment iehor li kien vicin hafna tal-lancja Sea Lioness. Fil-fatt, meta l-imsemmija lancja giet intercettata, giet ordnata tidhol u turbot mal-moll fil-Marfa taht skorta tal-Forzi Armati. Hemmhekk, l-ufficcjali tad-Dwana u tal-Pulizija ghamlu tfittxija estensiva abbord flimkien fuq l-imsemmija lancja fejn skoprew l-ammont komplessiv ta' 390,000 sigarett sdazjat li fuqhom kien dovut €51,480 dazju tas-SISA; €6,514.56 dazju ta' importanzjoni u €12,474.82 taxxa fuq il-valur mizjud li komplessivament jammontaw ghal €70,469.38 f'telf ta' erarju pubbliku. Ghalhekk l-ufficcjali tad-Dwana ipprocedew bin-Noti ta' Qbid rispettivi u dan ai termini tal-Artikolu 60.68 u 69 tal-Kap 37 u l-Artikolu 17 tal-Kap 382;*

*(ii) Illi dawn huma proceduri in rem ghar-rilaxx ta' l-imsemmija lancja maqbuda ai termini tal-Artiklu 72 et seq tal-Kap 37 u ghalhekk il-kwistjoni hi jekk l-oggetti gewx maqbuda skont il-ligi, u jekk effettivament l-istess lancja kinitx il-mezz tal-garr ta' oggetti li kienu ser jiddahhlu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-ligijiet doganali u fiskali. Illi l-Artikolu 68 u 69 tal-Kap 37 jipprovdi b'mod car li l-konfiska ta' kull mezz ta' garr li xjentement tkun giet uzata fil-habi jew transport ta' oggetti li fuqhom ma jkunux gew imhallsa jew kawtelati t-taxxi relattivi hija wahda tassattiva. Fil-fatt, l-esponent jissottometti li taht din il-ligi specjali ma hemm ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska komtemplata. Effettivament, dak li jrid jigi pruvat mill-esponent a bazi ta' probabilita', huwa sempliciment li l-lancja Sea Lioness intuzat bhala mezz ta' garr ta' l-imsemmija sigaretti sdazjati, irrispettivament mill-fatt li min tali lancja kienet tappartjeni, jew jekk il-persuna li ghaliha kienet tappartjeni l-lancja kinitx direttament jew indirettament konsapevoli ta' dak li kienu qed jaghmlu l-membri tal-ekwipagg fil-mument li nqabdu in flagrante. Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrent huma ghal kollox insostenibbli;*

*2. Inoltre', ir-rikorrent ghandu rimedji ordinarji fil-ligi jekk jidhirlu li xi membru tal-ekwipagg agixxa illegalment kontra l-interessi tieghu li irrizultaw fil-qbid tal-imsemmija lancja;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

1. Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrent talbu lill-qorti sabiex tordna l-helsien tal-dghajsa Sea Lioness MFB 1775, proprjeta tieghu. L-intimat kien hareg ordni ta' qbid wara li nstabu fuqha kwantita ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju.

   Mill-atti jirrizulta li:

1.1 Ir-rikorrent hu s-sid tal-dghajsa MFB 1775.

1.2 Fit-18 ta' Frar 2013 l-intimat hareg nota ta' qbid (numru 17/2013) fuq il-dghajsa.

1.3 Fis-17 ta' Frar 2013 fuq id-dghajsa kien hemm biss Vincent Xuereb u Noel Vella.

1.4 Dakinhar saret tfittixija fuq id-dghajsa minn membri tal-Forzi Armati u tal-pulizija, u nstabu kaxxi ta' sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju. B'kollox kien hemm 390,000 sigarett. Il-valur taghhom gie stmat li hu ta' €11,310, b'dazju tas-sisa fl-ammont ta' €51,480; dazju ta' importazzjoni fl-ammont ta' €6,514.56 u Taxxa Fuq Valur Mizjud fl-ammont ta' €12,474.82 (fol. 98).

1.5 Filwaqt li kontra Vincent Xuereb u Noel Vella ttiehdu proceduri kriminali[2], s'issa ghadhom ma ttiehdux proceduri kriminali kontra r-rikorrent.

1.6 Inoltre, l-intimat irrilaxxa d-dghajsa wara li r-rikorrent ta garanzija ta' €23,000.

2. **Argumenti tar-rikorrent**.

Ir-rikorrent isostni li hu estranju ghal dak li gara. Fil-mument li membri tal-Forzi Armati ghamlu tfittxija fuq id-dghajsa, ma kienx fuqha. Fil-fatt fil-konfront tieghu ma ttiehdux proceduri kriminali. Peress li l-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta) jehtieg li ghal konfiska jkun hemm ix-xjenza fl-uzu tal-vettura jew mezz iehor ta' garr fl-importazzjoni ta' oggetti li fuqhom ma thallasx dazju, fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kellux ix-xjenza. Ghaldaqstant, l-element tax-xjenza hu nieqes.

3. **Argumenti tal-intimat**.

Min-naha tieghu l-intimat isostni li l-uzu biss tad-dghajsa fl-importazzjoni ta' oggetti li fuqhom ma thallasx dazju, hu bizzejjed biex iwassal ghal konfiska tad-dghajsa. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-Artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37. Mill-provi rrizulta li d-dghajsa kienet qeghda tintuza ghall-kuntrabandu ta' sigaretti. Inoltre, ghalkemm ir-rikorrent cahad li kien konxju ta' x'kien qieghed isir fuq id-dghajsa tieghu, b'daqshekk ma jfissirx li dan hu minnu. Ovvjament persuna nvestigata ser tichad l-involviment taghha u dan in vista tal-konsegwenzi.

4. **Konsiderazzjonijiet tal-qorti**.

4.1 Skond l-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana:-

[2] Il-qorti fehemet li dawn il-proceduri ghadhom pendenti.

*"**68.** (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati".*

4.2 Mill-provi li tressqu ma jidhirx li r-rikorrent kien komplici fl-agir kriminali ta' haddiehor. Min-naha l-ohra hu evidenti li dawk prezenti fuq id-dghajsa *Sea Lioness* kienu jafu bil-presenza tas-sigaretti li fuqhom ma thallasx dazju (ara per ezempju l-istqarrija ta' Noel Vella lill-pulizija, fol. 35-37). Mill-provi rrizulta kif fuq id-dghajsa ma kien hemm l-ebda attivita' ta' sajd ghaddejja u d-dghajsa kienet qeghda tintuza biex jingarru s-sigaretti li d-dazju taghhom ma thallasx.

4.3 L-Artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jaghmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-garr ikunx jaf jew le bl-attivita' kriminali. F'dan ir-rigward f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Helen Samantha Brett vs Kontrollur tad-Dwana** deciza fid-29 ta' Ottubru 2010, intqal:

*"Illi minn qari ta' Artikolu 68(1) tal-Kap. 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **"Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*

*"Il-Qorti wara li eżaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu għaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddaħħlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat*

*biex dan isir – ara s-sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża fis-27 ta' Frar, 2003."*

4.4 Min-naha l-ohra din il-qorti[3], fir-riferenza kostituzzjonali **Mario Falzon vs Direttur Generali (Dwana) et** deciza fit-23 ta' Ottubru 2014, osservat:

*"il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li ma jirriżultax li r-rikorrent tabilħaqq ġarrab jew jista' jġarrab ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, partikolarment dwar l-aspett ta' sproporzjon tagħha. Din il-fehma waslet għaliha għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, **għalkemm fir-rigward tad-Direttur intimat il-konfiska tal-vann hija tassattiva bla ma tħallilu diskrezzjoni, ma jistax jingħad l-istess għas-setgħat ta' qorti fit-tħaddim tal-imsemmi artikolu 68. Il-fatt li r-rikorrent innifsu nieda proċedura taħt l-artikolu 73 tal-istess Ordinanza jixhed li l-liġi nnifisha tagħti rimedju ta' stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwasslu biex, fi proċedura ta' natura ċivili, l-qbid ta' xi oġġett magħmul mid-Direttur intimat jista' jitwaqqa' billi l-Qorti tordna r-rilaxx ta' dak l-oġġett favur sidu, wara proċediment li fih sid il-ħaġa nnifsu jista' jagħtiha raġunijiet tajbin biex tagħżel li tagħmel dan**".*

Il-qorti ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **AGOSI vs United Kingdom** (numru 9118/80) deciza fl-24 ta' Ottubru 1986; *"However, the Court did hold in Agosi v. U.K. that there were procedural requirements implicit in the protection of property rights, namely that **there should be procedures which enabled reasonable account to be taken of the link between the conduct of the owner and breach of law and to afford the owner to put his case to the responsible authorities**[4]. In both Agosi and Air Canada, the possibility of judicial review of the Customs Commissioners decisions were found to furnish sufficient procedural protection although the decisions were essentially unreasoned, limiting the ability to challenge them"* (A *Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*, Karen Reid, Raba' Edizzjoni (2011), Sweet & Maxwell, pagna 429)

Din il-qorti m'hijiex konvinta li dan ir-rimedju jezisti taht il-ligi u anzi jidher li l-Artikolu 68 tal-Kap. 37 ma jatix diskrezzjoni lill-

[3] Imhallef Joseph R. Micallef.

[4] Enfazi mizjuda.

qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. 'Il fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi *ex lege*. L-Artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li s-sid ma kellux x'jaqsam fir-reat. Tant dan hu minnu li l-Artikolu 67 tal-istess ligi jipprovdi li oggetti li jkunu nqabdu taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 u li jigu esibiti fil-qorti waqt proceduri gudizzjarji, f'kaz ta' sejbien ta' htija jsiru proprjeta tal-Gvern. Hawn ukoll il-qorti m'ghandhiex diskrezzjoni. Il-provvediment ma jaghmilx distinzjoni proprjeta ta' min huma l-oggetti, u anzi l-Artikolu 67 jibda bil-kliem: *"B'dak kollu li jinsab f'kull ligi ohra….."*. Ghalhekk f'kazijiet taht il-Kap. 37 ma japplikax dik il-parti tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi li l-*corpus delicti* ma jigix konfiskat meta persuna *"…. li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti"*. Fattur li jsahhah il-fehma tal-qorti kemm f'kazijiet ta' kuntrabandu l-ligi, fir-rigward tal-konfiska tal-*corpus delicti*, ma taghmilx distinzjoni bejn min iwettaq ir-reat u s-sid li ma jkunx ha sehem fid-delitt.

4.5 Ghaldaqstant, jezistu l-elementi kontemplati fl-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana, it-talbiet tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' d-difiza tal-intimat proposta f'paragrafu 1(ii) tat-twegiba u tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

Anthony Ellul.